

## IL-QORTI ĠENERALI

### Sentenza tal-Qorti Ĝeneralni tas-7 ta' Ġunju 2023 – TC vs Il-Parlament

(Kawża T-309/21) <sup>(1)</sup>

("Dritt istituzzjonal – Regolamenti dwar l-ispejjeż u l-allowances tal-Membri tal-Parlament Ewropew – Allowance ta' assistenza parlamentari – Irkupru tas-somom imħallsa indebitament – Terminu raġonevoli – Oneru tal-prova – Dritt għal smiġ – Protezzjoni tad-data personali – Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2018/1725 – Artikolu 26 tar-Regolamenti tal-Persunal")

(2023/C 261/41)

Lingwa tal-kawża: il-Litwan

#### **Partijiet**

Rikorrent: TC (rappreżentant: D. Aukštuolitė, avukat)

Konvenut: Il-Parlament Ewropew (rappreżentanti: M. Ecker u S. Toliusis, aġenti)

#### **Suġġett**

Permezz tar-rikors tiegħu bbażat fuq l-Artikolu 263 TFUE, ir-rikorrent jitlob l-annullament, minn naħa, tad-deċiżjoni tas-Segretarju Ġenerali tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Marzu 2021 li tistabbilixxi kreditu fir-rigward tiegħu ta' ammont ta' EUR 78 838,21 imħallas indebitament bħala spejjeż ta' assistenza parlamentari u li tordna l-irkupru tiegħu u, min-naħħa l-oħra, tan-nota ta' debitu Nru 7010000523 tal-31 ta' Marzu 2021.

#### **Dispożittiv**

- 1) Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni dwar ir-rikors għal annullament, sa fejn huwa intiż kontra, minn naħa, id-deċiżjoni tas-Segretarju Ġenerali tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Marzu 2021, li tistabbilixxi kreditu fil-konfront ta' TC għal somma mħallsa indebitament bħala spejjeż ta' assistenza parlamentari u li tordna l-irkupru ta' din is-somma u, min-naħħa l-oħra, in-nota ta' debitu Nru 7010000523 tal-31 ta' Marzu 2021, sa fejn jikkonċernaw ir-remunerazzjonijiet, l-ispejjeż soċjali u l-ispejjeż tal-ivvjaġġar relatati mal-impieg ta' A matul il-perijodu bejn l-1 ta' April u t-22 ta' Novembru 2016, għal ammont ta' EUR 28 083,67.
- 2) Id-deċiżjoni tas-Segretarju Ġenerali tal-Parlament tas-16 ta' Marzu 2021, imsemmija iktar 'il fuq, u n-nota ta' debitu Nru 7010000523 tal-31 ta' Marzu 2021, huma annullati sa fejn jordnaw l-irkupru mingħand TC tar-remunerazzjonijiet, tal-ispejjeż soċjali u tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar relatati mal-impieg ta' A matul il-perijodu bejn it-22 ta' Mejju u l-31 ta' Marzu 2016, għal ammont ta' EUR 50 754,54.
- 3) Il-Parlament Ewropew huwa kkundannat għall-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C 320, 9.8.2021.

---

### Sentenza tal-Qorti Ĝeneralni tas-7 ta' Ġunju 2023 – Vallegre vs EUIPO – Joseph Phelps Vineyards (PORTO INSIGNIA)

(Kawża T-33/22) <sup>(1)</sup>

("Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Proċedimenti ta' oppożizzjoni – Applikazzjoni għal trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea PORTO INSIGNIA – Trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea preċedenti INSIGNIA – Raġuni relativa għal rifjut – Probabbiltà ta' konfużjoni – Artikolu 8(1) (b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 (li sar Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001)")

(2023/C 261/42)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

#### **Partijiet**

Rikorrent: Vallegre, Vinhos do Porto, SA (Sabrosa, il-Portugall) (rappreżentanti: E. Armero Lavie, G. Marín Raigal u J. Oria Sousa Montes, avukati)

**Konvenut:** L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: E. Nicolás Gómez, M. Eberl u V. Ruzek, aġenti)

**Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġeneral:** Joseph Phelps Vineyards LLC (St. Helena, California, l-Istati Uniti) (rappreżentant: S. Reinhard, avukat)

### Suġġett

Permezz tar-rikors tagħha bbażat fuq l-Artikolu 263 TFUE, ir-rikorrenti titlob l-annullament tad-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) tas-26 ta' Ottubru 2021 (Każ R 894/2021-5).

### Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Vallegre, Vinhos do Porto, SA hija kkundannata għall-ispejjeż.

(<sup>1</sup>) ĠU C 119, 14.3.2022.

### Sentenza tal-Qorti Ġeneral tas-7 ta' Ġunju 2023 – DDR Kultur vs EUIPO – Groupe Canal+ (THE PLANET)

(Kawża T-47/22) (<sup>1</sup>)

*("Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Proċedimenti ta' oppożizzjoni – Applikazzjoni għat-trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea THE PLANET – Trade mark figurattiva preċedenti tal-Unjoni Ewropea PLANÈTE + – Raġuni relativa għal rifjut – Assenza ta' probabbiltà ta' konfużjoni – Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001")*

(2023/C 261/43)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

### Partijiet

Rikorrent: DDR Kultur UG (haftungsbeschränkt) (Berlin, il-Ġermanja) (rappreżentant: I. Yeboah, avukata)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: A. Bosse u D. Gája, aġenti)

**Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġeneral:** Groupe Canal+ (Issy-les-Moulineaux, Franza) (rappreżentanti: M. Georges-Picot u C. Cuny, avukati)

### Suġġett

Permezz tar-rikors tagħha bbażat fuq l-Artikolu 263 TFUE, ir-rikorrenti titlob l-annullament tad-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) tal-25 ta' Novembru 2021 (Każ R 2385/2020-2).

### Dispożittiv

- 1) Id-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) tal-25 ta' Novembru 2021 (Każ R 2385/2020-2) hija annullata.
- 2) L-EUIPO huwa kkundannat ibati, minbarra l-ispejjeż rispettivi tiegħu, dawk sostnuti minn DDR Kultur UG (haftungsbeschränkt) fil-proċedura quddiem il-Qorti Ġeneral.
- 3) Il-Groupe Canal+ għandu jbatisi l-ispejjeż rispettivi tiegħu.

(<sup>1</sup>) ĠU C 128, 21.3.2022.